# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

MA TISTAX TGĦID LI INT MALTI
JEKK MA TĦOBBX ILSIEN ART TWELIDEK

It-Tieni Sena Diċembru 1932 No. 22

The Royal University of Malta

Stampât fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

DICEMBRU 1932] IT-TIENI SENA [Nru 22


## GĦALIEX INĦOBB IL-LSIEN MALTI

Bosta huma l-għeliex li jġiegħluni nħobb l-Lsien Malti, iżda l-aqwa u l-ewwel fosthom huwa dan, li huwa tiegħi. Hija liġi tan-natura li għandna nħobbu dak kollu li huwa tagħna u iżjed il-dak li iżjed jersaq lejna bir-rabta li għandu magħna, sew jekk din ir-rabta hija rabta tad-demm sew jekk hija tal-jedd li għandna fuqha. Skond din il-liġi tan-natura aħna għandna nħobbu 'l-bnedmin kollha tad-dinja, għax dawn huma marbutin magħna bl-għaqda tal-ewwel wellied, il-missier tal-ġnus kollha; iżda aħna għandna nħobbu iżjed il-dawk li ġiebuna fid-dinja, għax dawna huma iżjed qribna, li saħansitra li biex neħilsu l-dawna mil-mewt, aħna għandna l-jedd li neqirdu l-dawk li huma kawża ħatja tal-mewt tagħhom. Għalhekk la l-Lsien Malti huwa tiegħi, ħadd ma jista' jlumni li jiena nħobbu; bil-maqlub kont inkun mistħoqq it-tmaqdir u 't-taħtit tal-ġewwieni u tal-barrani li kieku l-Lsien tiegħi ma kontx inħobbu.

Kemm huwa tiegħi l-Lsien Malti jiena nħoss meta nitħaddet. F'dak il-waqt jiena nħossni bħal wieħed li jixtri; dana, meta l-bejjiegħ inewwillu l-oġġett li huwa għażel, joħroġ il-flus u jħallas; b'hekk huwa jaf li l-oġġett sar tiegħu, għax huwa ħareġ minn tiegħu. Hekk meta jiena nitħaddet bil-malti, jiena naf li qiegħed nitħaddet bil-lsien tiegħi, għaliex inħoss li qiegħed noħroġ minn tiegħi; inħoss li bħal kieku ġo fiha għandi għajn tal-ilma li minnha nista' nqassam kemm irrid u kemm jogħġobni, għaliex jiena s-sid tagħha, jiena għandi f'idejja l-imfietaħ tal-ġnien li fih hija magħluqa; fil-waqt li meta nitkellem bil-franċiż, bit-taljan, bl-ingliż jew b'ilsna oħra barranin, ikunu liema jkunu, u jkunu ħfief għalija kemm ikunu, jiena nħossni bħal fartas li jgħatti qargħatu b'xuxa barranija; jaħasra, għalkemm huwa jista' jqarraq b'xi ħadd li ma tantx jara, huwa

ma jqarraqx b'kullħadd, u fuq kollox ma jistax, bħal ma kieku jixtieq, iqarraq bih in-nifsu !

Iżjed minn hekk, il-Malti m'hux biss huwa tiegħi, imma huwa biċċa minni n-nifsi, minn ruħi jew minn ħaġ'oħra li ma ġismi u ma ruħi tagħmel il-"jiena" tiegħi. Dana nifhem jien sewwa meta nitħaddet, għax f'dak il-waqt jiena nħossni qiegħed nati minni n-nifsi, hekk kif inħoss li qiegħed nati minni n-nifsi meta tinfetaħli vina u jibda ħiereġ id-demm. Għalhekk l-Lsien Malti jiena ma nibdlu ma xejn, l-anqas mal-monumenti l-iżjed għaġġieba ta' Ruma qadima, l-anqas mal-mużewijiet l-iżjed għonja ta' Londra jew ta' Pariġi, għaliex iż-żjeda ta' dawn m'hix għajr żjeda barranija li ma żżid xejn mal-jiena tiegħi, waqt li n-nuqqas ta' lsieni huwa nuqqas sustanzjali li bil-firda tiegħu jagħmilli ġerħa f'ruħi li ma nfiq qatt minnha.

"Iżda l-Malti huwa fqajjar" ipaspru xi wħud li t-tiġrir wara l-barrani ħassrilhom qlubhom, bħal ma ħassar il-qalb ta' Salamun it-taħlit man-nisa barranin. "Il-Malti huwa fqajjar" —U li kien hekk jiena nibqa' nħobbu bl-istess ġenn ta' qabel, għaliex il-Malti huwa tiegħi. Jiena għandi ommi; u ommi hija fqajra; u madankollu jien inħobb 'l ommi l-fuq mill-ogħna u mill-isbaħ fost l-irġejjen kollha tad-dinja, għaliex ommi hija tiegħi ! Dana l-ħass tal-imħabba għal ħwejjeġ tagħna nfusna, għalkemm foqra u koroħ ukoll, m'huwiex tiegħi waħdi; huwa tal-bnedmin kollha, u saħansitra tal-bhejjem u tad-dbejjeb, u għalhekk huwa ħass li għandu l-għeruq fin-natura; min ifittex iqaċċathomlu huwa kiefer snaturat. Iżda mbagħad, wara kollox, min huma dawk li jridu jġegħluni nitħammar minħabba 'lsieni, għaliex igħiduli li huwa fqajjar ? Huma dawk stess li dehen u ħila ħlew filli jsawtuh, iġerrħuh, isallbuh; issa, bil-wiċċ kollu, jistaqsu minnu l-għaġeb li jidher dlonk quddiemhom bħal żagħżugħ mimli bis-saħħa u bil-għana. X'għajb għalihom, biex ma ngħidx ħaġ'oħra !

"Il-Malti jifridna mill-Ewropa u jgħaqqadna mal-Afrika" iżattu xi wħud, li jaħsbu l-biża' tal-babaw s'er jagħmel bina. Bħal-kieku hemm x'ilsien wieħed li huwa ħabib taċ-ċiviltà iżjed milli huma l-oħrajn ! Sabiex nuri kemm huwa bla saqajn u bla wid-nejn ukoll il-ħmar-il-lejl ta' dawn l-irjus sħan, inqassam iċ-ċiviltà f'żewġ taqsimiet, il-waħda naturali u l-oħra nisranija. Dik tal-ewwel kienet tinsab fil-pajjiżi tal-Asja u tal-Afrika, fejn l-ilsna taljan u ngliż kienu għadhom mank bexxqu għajnejhom, l-eluf tas-snin qabel ma waslet fil-pajjiżi fejn dawna l-ilsna tal-lum huma mitħaddta. Dik tat-tieni twieldet f'pajjiżi fejn il-ġens kien jitħaddet mhux ingliż jew taljan imma lsien li jixbaħ il-Malti, u

ġiet imħaddna mill-wellieda tagħna żmien twil qabel ma kienet milqugħa minn xi wħud mill-pajjiżi tal-Ewropa. Dak stess li waqqafha kien jitkellem bl-arami li jaqbel ma' lsienna u mhux bit-taljan jew bl-ingliż jew bil-latin, għalkemm, kieku ried jew kien aħjar, sata' jitkellem b'dawn l-ilsna wkoll. Ma' dan inżid li, kieku r-Reliġjon Nisranija kienet ta' din jew dik il-lingwa, kieku ta' xejn is-Sejjies Mqaddes tagħha bagħat l-appostli tiegħu jxandru l-Vanġelu mad-dinja kollha, u wisq barra minn loku kien ikun il-kastig li Huwa hedded lil dawk li ma jilqgħux il-Vanġelu Tiegħu.

Fl-aħħarnett iqabbżu xi wħud li "l-Malti huwa bla siwi". Li kieku taħt il-kelma siwi għandna nifhmu biss "il-pappa," kieku dan huwa veru, daqskemm huwa veru għal-ilsna ta' pajjiżi oħra ċkejknin bħal tagħna. Iżda qalhulna wieħed li huwa wisq egħref minnhom, li mhux bil-ħobż biss igħix il-bniedem, u fuq il-kliem ta' dan jiena noqgħod. Il-bniedem igħix ukoll bir-reliġjon, u l-Malti jżomm sħaħ fina, bħal ma wera li jaf jagħmel s'issa, il-għeruq tar-reliġjon, għax jifridna minn dawk li tilfu jew id-dawl tal-fidi, billi tbegħdu mit-tagħlim tal-Imgħallem tas-Sema, jew il-melħ tal-fidi, billi tnawru bl-indifferentiżmu. Il-bniedem igħix ukoll bin-Nazjonalità meqjusa, u l-Malti jatina u jħarsilna din il-kbira għatja t'Alla, li għaliha, kull min iħobb pajjiżu, għandu jkun lest biex iċarċar demmu.

Maltin ħuti, żgħażagħ ħbiebi—li taqraw din il-kitba tiegħi —aħilfu miegħi li ma tħallu l-ħadd min jeqred ilsienna u li taħdmu kemm tifilħu sabiex ilsienna jiġi l-quddiem, għal ġieħ tal-Maħbuba GżejraTagħna. K.

# *EVOLUTION!*

*Homo cum in honore esset*
*non intellexit....*

Darwin qal kelma: lil xi wħud qablilhom
u qalu li l-bnedmin ġew mix-xadina,
jiġifieri, qabil Adam u Eva
kienu, l-missier, xadin, u l-omm, xadina!...
Kieku kien hekk u t-tajfa baqgħet tielgħa
kull nisel tarġa l-fuq minn tax-xadina,
kieku l-bnedmin tal-lum jixbħu lill-anġli
wisq iżjed milli jixbħu lix-xadina...
Imm'għandu jkun li sabu t-triq imwegħra
u... reġgħu l-ura fejn ħallew x-xadina.

Dun Karm.

[*Imsemmija b'tifhir*]

# GHANJA LIL MALTA

*(tnehid ta' wiehed imsiefer)*

Int, ċkejkna Gżiriti,
Ilqaghha t-tislima
Li qalbi bil-qima
Fis troddlok illum:
Mibghuta msoffija
Fuq ġwienah in-nahal,
'Il beltek u 'rrahal
Hi tilhaq ma ddum.

Minn mindu hallejtek,
Ja Ġawhra tal-bahar
Moghnija b'kull fahar,
Qatt lilek ma nsejt;
Fil-ghagha, fil-hamba...
Qalb nies barranija...
Fost ġmiel u sbuhija...
Bik hsiebi hennejt

Ghax Int, nieqa tieghi,
Kont biss li bennintni,
U mieghek kennintni
Fil-jiem imreżżhin;
Int kont li nqaxt fija
Id-dîn tal-kbir Alla,
Li Mhabba w Ġieh halla
F'sidirna ghal xulxin.

Int żghira, 'ma kbira
Fl-ghajnejn ta' Min sebbhek
Bis-Sewwa w li rebbhek
Fis-siegha tad-dlâm.
Uliedek qalbiena
Seddquk, tawk il-hajja;
Naqqxulek il-ġrajja
Fil-qlub, m'hux fl-irhâm.

Mill-art bghida, bghida,
Fejn qieghed nitniehed
Hlewwietek, inwieghed
Li nerġa' ġe' fik:
Irrid li nindifen
Hemmhekk, fejn hadt ismi:
Fi trâbek dan ġismi
Jistrieh b'kull tberik

KARVAS (CARM. VASSALLO)

*(imsemmija b'tifħir fil-Konkors)*

# ŻEWĠ VITTMI TAR-RIVOLUZZJONI FRANĊIŻA

Tiktiktik...tiktik...kont bil-kemm tisma' min itektek miż-żgieg. U rħilha x-xwejħa kontessa ssiħ il-qaddejja sabiex tiftaħ it-tieqa—L-għasfur kien jidħol fil-kamra jittajjar minn fuq siġġu għal ieħor, minn fuq il-mejda għal fuq is-sodda tal-kontessa, li kollha galbu kienet ittawwal driegħha sabiex iżjed tkun tista' tilħaq b'idha l-għasfur, ħalli mbagħad fil-waqt li żżommu magħha: "Perry tiegħi", kienet tgħidlu, għax Perry kienet semmietu, "wara din il-ħarġa tiegħek fl-egħlieqi, qalb il-ħdura, ma għandniex xi ngħidu qabdek l-aptit; jew kilt diġa xi ħaġa? Ma nafx...ma nafx"—fil-waqt li xxengel rasha, "Jiena ħsibtlek bħas-soltu għal ftit ħobż bil-ħalib, għal erba' qamħiet, u għal xi frotta wkoll; agħżel: xi trid tiekol il-lum?" U l-għasfur bħallikieku fehemha tassew, kien jogħla għal fuq daqsxejn ta' xkaffa fejn kien isib minn kull ma trid qalbu.

Il-kontessa kienet dratu qatigħ lil dan l-imbierek ta' għasfur tal-bejta. Fix-xitwa l-istaġun kollu fil-kamra magħha, ipejċaq u jittajjar l-hawn u l-hemm, ma kienx ta' ftit faraġ għaliha, u fis-sajf, bit-twieqi tal-kamra miftuħa beraħ, waħdu kien joħroġ fil-għodu u jerġa l-ura fil-għaxija. Min ma jħobbux għasfur bħal dan? Il-kontessa ma riedetx fih kemm jesa' ġid il-baħar. Kienet tħobbu, tħobbu għal aħħar. Xi drabi kienet tinsa li hu annimal; kienet trossu magħha, tbusu, u tatih ismijiet bil-bosta għeżież: "Qalb ta' qalbi, ħanini", u x'naf jien.

Minn banda kellha għalfejn tagħmel dan il-kontessa. Min jiġi minnha ma kellha l-ħadd, armla, xiħa, .għakka bil-kemm tiflaħ tqum mis-sodda, kien dan il-għasfur biss li jderrilha xi ftit u jsabbarha. Is-sinjura kienet tridu magħha dejjem. Imqar li kienet toħroġ darba f'sena fil-karrozzella, kienet tieħdu magħha ġo qafas magħmul apposta: m'hux għax kienet tibża' li jaħrab, iżda għax hekk kienet drawwietha. U fejn tieqaf kemm kienu jidħku biha!—"Ma ġara xejn",—kienet tgħid f'qalbha—"ħalli jidħku kemm iridu". "Għadhom, jaħasra, ma jafux li qalb ta' għasfur hija bosta drabi aħjar minn ta' ħafna bnedmin". U fil-waqt li jerġgħu l-ura (x-xwejħa kontessa terġa taqbad miegħu):—Dik id-dar kbira ta' X; ara dik it-trieq, dik tinfed sewwa għal X"; imbagħad meta kienu jgħaddu minn quddiem

xi kastell li f'dawk l-ewwel snin tar-Rivoluzzjoni kien jagħmilha flok ħabs, qatt ma nsiet tgħidlu l-kontessa:—"F'wieħed bħal dan għad jeħduni, m'hux għax għamilt xi ħaġa ħażina, taf, iżda biss għax inzirtajt ta' dak il-qabil li x-xewwiexa ħalfu li għandhom jeqirdu.

Żejjed li ngħidu, li bħas-sinjuri kollha franċiżi, is-sinjura Nina, ħalli tkunu tafu x'jisimha, kienet favur il-monarkija b'ruħha u ġisimha. Ta' sikwit, avolja xiħa u mingħajr saħħa, kienet tgħanni l-innu tar-re, u Perry bit-tisfir tiegħu jissieħeb magħha. Kemm kienet tħabbat idejha bil-ferħ x'ħin tisimgħu! Kemm kienet tgħidlu iżjed bil-qalb: "Maħbub tiegħi, qrempuċu ta' qalbi!" Kienu jiftiehmu wisq dawn it-tnejn, u għalhekk li maż-żmien saru jinġiebu dan kollu.

Darba fis-sajf, meta l-kontessa Nina damet ma niżlet ix-xhur mis-sodda minħabba li kienet marida, Perry ma ħareġ xejn mill-kamra. Sakemm is-sinjura damet marida, Perry ma semma' leħnu qatt. Iż-żmien kollu għaddieh fuq il-ħadida tas-sodda fejn ras il-kontessa, iwarrab biss x'ħin jilmaħ xi dubbiena jew xi nemusa toqrob lejn is-sodda; l-ikel kienet tnewwilulu wkoll il-kontessa. Imbagħad meta din fieqet u niżlet mill-friex, ħaġa tal-għaġeb, il-għasfur, bi ħlewwa iktar minn qabel, saffar kemm felaħ. Donnu ried ifissrilha: "Nifraħlek li qiegħed nerġa' narak qawwija u sħiħa."—U s-sinjura, biex turih li fehmitu, weġbitu: "Grazzi, grazzi".

* * *

Kien ix-xahar t'Awissu ta' 1788. Fil-kwartier fejn kienet tgħammar is-sinjura Nina ma kienx fadal ħlief id-dar tagħha li fiha is-suldati repubblikani ma marrux jaqilbu ta' taħt fuq, u jarrestaw lil min jidhrilhom. Għax tgħid, sa fl-aħħar hawn waslu wkoll. Għalxejn il-kontessa kienet qaltilhom minn qabel li ma kellha xejn moħbi, riedu b'saħħa jiflu kollox, kien x'kien, u kien fejn kien. Fetħu armarji, skassaw sniedaq, sakemm waslu biex ibattlu l-imtieraħ ukoll. Sa fl-aħħar kienu sejrin u kollox, meta s-surġent dar fuq is-suldati, u b'leħen goff qallhom: "Kif sejrin b'idkom f'idkom. . .l-inqas tisthu?"—"Xi tridna nagħmlu? Ma baqax x'ma rajniex, u b'dan kollu. . ." "Għiduli",—qatgħalhom fil-qasir—"Hemm bżonn ta' provi bosta biex wieħed jinduna li din il-mara hija aristokratka sa għarqubha, u waħda minn dawk li fi żmienha kasbru m'hux ftit lill-fqar? Wiċċha m'hux l-isbaħ xhieda? Ħarsu lejh sewwa!" U mingħajr ma qagħdu jaħsbu darbtejn is-suldati nxeħtu fuqha b'herra liema bħalha, bħallikieku kienet xi ġolf.

Xi swielha lill-kontessa li qagħdet tfissrilhom kemm kienet tħobbhom lill-fqar, kemm żewġha ħadem għalihom meta kien għadu ħaj. "Staqsu għalija lil-ġara" issoktat "u taraw x'jgħidulkom". Iżda dan kien kollu kliem żejjed, għax la darba hi kienet ta' demm għoli, la darba hi kienet tħaddan il-ħakma tassultan, bil-fors li driegħha intrefa darba jew oħra biex isawwat lill-ħaddiem.

Hekk kienu jaħsbuha r-republikani, u ż-żmien biex titħallas ta' għamilha issa wasal.

Erba' suldati quddiem, erb'oħra wara, u x-xiħa kontessa miexja f'nofshom. Mat-trieq nies oħra ssieħbu magħha. Iridu jew ma jridux, jifilħu jew ma jifilħux, kollha jkollhom jimxu. Minn kull fejn igħaddu, għajjat, suttar, kliem ħażin. Il-kontessa ftit jew xejn taf x'inhu isir ma' dwarha. Tmut għaxja sejra, jekk ma jfittxux jaslu fejn għandhom jaslu. "Fadal xejn bogħod?" kienet sikwit issaqsi lis-suldati, "Le..., erba' passi..., agħmel kuraġġ, dal-waqt naslu..."

M'għandniex xi ngħidu dawk l-erba' passi kienu għaxar mili, li wara siegħa, tnejn, tlieta, spiċċaw biex imxewhom ukoll. Waslu quddiem diwan kollu twieqi minn barra, daħlu ġewwa, qasmu bitħa, telgħu ma' taraġ, sakemm tfeġġu f'kurritur mudlam. Sa dan il-waqt lfieq, biki, twerżiq, ma ħeda xejn.

Lill-kontessa Nina u lil żewġ nisa oħra qegħduhom ġo kamra għalihom, u lir-rġiel ġo oħra.

Tifla ta' m'hux aktar minn tnax il-sena, x'ħin ratha iżjed taqa' milli timtedd fuq is-sodda, marret b'ġirja fuq Nina. "Ġralek xi ħaġa?" staqsietha. "Ma tiflaħx, nann?..."

Is-sinjura Nina ma weġbitha xejn. Bejn bil-għejja tal-mixi u tat-taħwid ta' moħħha, għajnha kienet diġa' marret biha,

Ix-xiħa li ma kellhiex żewġha minn min tinfired, ulied lil min tħalli bla omm, dellet l-istess ħsebijiet u ħolmot bħal ma joħlom kullħadd.

Ratu jtektek b'munqaru u jobrox b'dufrejh iż-żġieġ tattieqa. Ratu lil Perry tagħha jittajjar quddiem it-tieqa tal-bitħa, ipejċaq fuk is-siġra biswitha, jistenna lil min jiftaħlu...għalxejn. Min jaf x'jaħseb! Min jaf x'jgħid f'qalbu! Miskin Perry! Min sejjer issa jsaħħnu aktar fix-xitwa, u jisqih il-ħalib? Isimgħu x'isaffar bi swied il-qalb, isimgħu. Dak ħadd ħliefu; dak hu, hu żgur. Inħasdet, qamet bil-qegħda fuq is-sodda, u fuq xifer it-tieqa tilmaħ lill għasfur ta' qalbha.

Għal l-ewwel ma riedetx temmen lil għajnejha. Biex iżjed tkun ċerta qamet fuq riġlejha u marret taħt it-tieqa ssejjaħlu: "Sabiħ tiegħi, qrempuċu ta' qalbi..." Perry tar għal fuqha... laqgħetu fi ħdanha.

In-nisa l-oħra tal-kamra stagħġbu b'kull ma raw. Sakemm kienu ilhom hemm ġew, qatt ma jafu li ebda għasfur ġie ħdejhom. Ma setgħux jifhmu kif dak l-għasfur li ġie l-għada tal-wasla tax-xiħa jafha hekk tajjeb.

Imma s-sinjura Nina, trid ittir bil-ferħ, fissritilhom kollox: kif rabbietu ċkejken ta' nofs il-lbies, kemm damet tissabbar bih tgħallmu joħroġ u jidħol waħdu fil-gaġġa x'ħin tgħidlu, kif draw lil xulxin... U kullħadd feraħ bil-għasfur, għax fih sabu issa min iderrilhom mill-biża' li kienu fih. Kullħadd dar ma l-għasfur, u kullħadd ried jarah sewwa u jmissu.

F'daqqa waħda leħen ta "hawn kif!" bagħat lil kullħadd imkienu. Kien l-għassies tal-kamra, li malli nduna bil-għasfur f'idejn il-kontessa mar ċomb fuqha. "Ħallihuli" laqgħetlu minn qabel. "Ma għandi lil ħadd ħliefu. Kieku taf kemm jaf, ġie jfittixni hawn, jaħasra!"

Għal l-ewwel l-għassies ħaseb li dik ix-xiħa tilfet rasha. Wara fehem li l-kontessa riedet titmasħar bih. Hu x'inhu, qal bejnu u bejn ruħu, ma għandhiex iżżomm dawk il-pulċinellati fil-kamra. Jersaq pass ieħor il-quddiem, jixħet idu fuq tax-xiħa, jieħu l-għasfur, u jsabbtu ma' l-art.

Ratu x-xiħa Nina lil Perry ta' qalbha maqtul fl-art quddiemha. Żewġ demgħat qabżu minn fuq ħaddejha. Għajnejha iċċassaw, ħmaru, donnha minnhom ippruvat tixħet in-nar tal-qilla. Bdiet tirtgħod, u għajnejha għadhom miblugħa u ħomor fuq ir-raġel quddiemha. Imbagħad, fil-waqt li b'sabagħha l-kbir turi l-qattiel ta' Perry, għajta ta' "qalb ħazina" ħarġet minn fommha, u waqgħet fl-art, mejta fuq il-maħbub tagħha.

Hekk ir-rivoluzzjonarji franċiżi ħelsu ħafif ħafif mill-kontessa Nina u minn Perry tagħha li xejn anqas minnha ma kien aħrax għal monarkija.

EXCELSIOR (ANT. FARRUGIA)

# ĦSIBIJIET ŻGĦAR

## IT-TALB

It-talb bħall-użin. Qiegħed pis ġo keffa, u itfa' għabra dqiq ġo l-oħra. Il-miżien ma jitħarrekx. Itfa' għabra oħra, u jarġa' ma jitħarrekx, u hekk aktarx għal bosta drabi. Iżda fl-aħħar jasal ħin illi d-dqiq jagħleb u l-miżien jaqleb.

Hekk it-talb. Titlob darba u ma taqlax: titlob darb'oħra u tarġa' ma taqlax, u hekk għandu mnejn għal bosta drabi oħra. Iżda fl-aħħar tiġi siegħa mita l-qawwa tat-talb tirbaħ, u l-grazzja tinżel.

# NOVELLA TAL-MILIED

Il-lejl kien daħal ġmielu, meta Marku wasal fl-inħawi tal-belt ta' Betlem; iżda billi huwa kien għajjien mill-mixi twil tiegħu, u mirżuħ bil-bard li jxoqq il-għadam, ħaseb aħjar li jgħaddi l-lejl ġo xi għar. Wara li dam ifittex ħafna, sab wieħed li kien biswit il-belt. Daħal ġo fih, kiel biċċa ħobż u xorob ftit ħalib, u mbagħad inxteħet fl-art fuq ftit ħaxix niexef niexef biex jorqod. Imma ma setax jorqod għalkemm dam jitqalleb ħafna.

Bosta ħsebijiet kienu qegħdin iħawdulu moħħu. Mela la ma setax jagħmel ħaġ'oħra tafa' għajnejh fuq Betlem, u qagħad jaħseb min jaf fuqhiex. Iżda ma damx ħafna f'din il-qagħda, għax wara ftit dawwar ħarstu lejn is-sema miżgħud bil-kwiekeb, donnu qiegħed jitlob.

It-tifkira ta dak il-mistrieħ ta' qalbu, mitluf b'ħafna ħtijiet, kienet tniggżu lejl u nhar, u ġġiblu f'moħħu wkoll bosta ħsebijiet koroh li kienu jżidulu d-dwejjaq. Għalkemm dik il-ħajja li kien qiegħed igħaddi ma ġebitlux ħaġ'oħra ħlief biża' u taħwid, huwa qatt ma ried jibdilha: ħaseb aktarx li l-ebda tama ma kien hemm għalih. Imma dan l-aħħar huwa kien xaba' minnha għal kollox, u saħansitra beda jiġġerra minn belt għall-oħra mingħajr inqas ma jaf għal fejn. F'dan il-vjaġġ ukoll fejn aħna sibnieh, huwa kien sejjer għal għonq it-trieq, u għadda minn dawn l-inħawi biex iniżżel ismu għaċ-ċensiment f'Ġerusalem.

Wara tifkira bħal din huwa xeħet rasu lura, u raqad, mixgħul min-nar ta' korla għalih in-nifsu.

In-nagħsa ta' Marku kienet qasira u aktarx bla ħolm, għax, ftit wara nofs il-lejl, kant ħelu li jħoll il-qlub, donnu ta' xi anġli, qajmu. Huwa fetaħ għajnejh sewwa, u minnufih lemaħ dehra li qatt ma kien ra bħalha. Xaqq dawl abjad bħal dak li naraw fis-sema waqt is-sebħ ħiereġ minn ġo għar, li bih hu ma kienx induna fil-għaxija minħabba d-dlam; ħafna ragħajja deħlin ukoll ġo l-għar, oħrajn jiġġerrew ma' dwaru. Għal dan kollu Marku baqa' mistagħġeb, u xtaq jaf x'kien. Għalhekk qam mill-art, mexa ftit u staqsa lil wieħed li kien għaddej igħaġġel:

—"Sliem għalik, ja sidi! X'inhu jiġri hemm isfel ġo dak il-għar? Minn fejn hu ġej dak id-dawl kollu? Jidhirli li l-bieraħ kollox kien midfun fid-dlam."

—"Ja sidi, ifraħ miegħi, u man-nisel kollu ta' Ġakobb, għaliex il-lum twieled il-Messija mwiegħed, il-Mistenni minn kullħadd, dak li sejjer iġib il-mistrieħ fil-qlub ta' dawk li jemmnu bih — wieġbu l-ieħor, li xtaq jissokta kieku Marku ma warrabx minn ħdejh bil-herra.

Xi ġralu mela Marku biex telaq bil-herra? Ah, msejken ta' bniedem! Dawk il-kelmiet kienu iebsin għalih; ma setax iġerragħhom. "Mistrieħ" qal hu bejnu u bejn ruħu, fil-waqt li dawwar wiċċu lejn Betlem. "U kif jista' qatt ikun li xi ħadd iġib il-mistrih ġo qalbi jekk jiena stess ma stajtx insibha? Le, waqt li jiena ħaj ma jkollix mistrieħ, għax fuq din id-dinja ma hawn imkien. Ġrejt ma kullimkien u bqajt kif kont, jekk mhux agħar. Il-fqir imħabbat kif sejjer jaqla x'jiekol għalih u għal familja tiegħu, l-għani fuq ġidu, u l-ħalliel fuq ħajtu. Imbagħad jiġu jgħidulek li dan il-Messija sejjer iġib il-paċi; u le, jaħasra, dan kollu ħolm; tassew li d-dinja trid il-mistrieħ. Iżda għalkemm jien ma nemminx b'din it-tarbija, dak id-dawl li ħiereġ mill-għar qiegħed iħassibni ħażin. Irrid immur nara x'hemm."

Wara li qal dawn il-kelmiet telaq lejn il-għar, fejn kienu sejrin ukoll ħafna nies oħrajn.

Daħal. Sab sikta tal-mewt, u dawl, li ħadd ma kien jaf minn fejn hu ġej, idawwal l-għar kollu; waqt li barra kien jinstama' dan il-kant: "Glorja l-Alla fl-għoli tas-smewwiet u mistrieħ fl-art lin-nies ta qalbhom tajba." U dak il-ħin ra rieqed f'maxtura u mgeżwer fi ftit ċraret tifel għadu kif jitwieled, li laħmu tari u roża kien imniggeż mit-tiben oħxon ta' taħtu. Żewġ bhejjem, ħmara u baqra, mixħutin għarkobtejhom, kienu qegħdin isaħħnuh bin-nifs sħun tagħhom, u koċċ ragħajja flimkien ma' mara u raġel jatuh qima. Marku ċċassa lejn it-tarbija, donnu qiegħed ifittex dak li kien jixtieq, iżda baqa' biered daqs il-bard ta' barra l-għar. Fehem biss li hija kellha xi ħaġa talgħaġeb; imma b'dan kollu Marku baqa' Marku. Ta ħarsa ma dwaru bħal dik ta' xi ħadd imxabba, u ħareġ il-barra.

Barra kien diġa' beda jisbaħ, u għalhekk Marku ssokta jimxi bil-ħsieb dejjem f'moħħu ta' kolma ġara l-lejl li għadda.

Minn dak il-jum għaddew tnejn u tletin sena; u ma' t-tibdil taż-żmien tbiddel ukoll il-bniedem. Marku b'leħija twila sa fuq sidru, u mgħawweġ taħt it-tgħobija tas-snin, x'ħin kien għaddej darba waħda mill-Ġudea, ra raġel ikellem minn fuq għolja lil ħlejjaq kbar ta' nies. Waqaf, resaq lejhom biex jisma', x'kien qiegħed igħid dak ir-raġel ta' xuxtu safra, u sama' dawn il-kelmiet: "Imberkin dawk li jibku, għax huma jiġu mfarrġin." Qalb Marku maż-żmien kienet irtabet, u għalhekk xejn ma għandna għax nistagħġbu jekk xi demgħa bdiet nieżla

fuq ħaddejh x'ħin sema' dan. Staqsa għal dak ir-raġel u qalulu li kien Ġesù t-tifel ta'Mirjam u Ġużeppi l-mastrudaxxa, imwieled ġo għar barra minn Betlem, u li jsejħulu l-Messija. Marku sfar u beda jirtgħod għax ftakar li lejla waħda xi tnejn-u-tletin sena ilu kien ra tifel għadu kif twieled li sejħulu wkoll Messija ġo għar barra minn Betlem. Dan il-ħsieb kompla għafaslu qalbu, u fost il-biki u li lfieq, Marku għajjat: "O Ġesù, Messija mwiegħed, ikollok ħniena minni, ġibli l-mistrieħ f'qalbi l-imnikkta, għax issa naf tabilħaqq li ħadd, ħliefek, ma jista' jagħtihieli. Għax jiena rrid nimxi warajk."

18-XI-32. GAETANO CASSAR

# NAPULJUN !

Narak il-kmand fis taħkem b'qawwa kbira,
u mbażża' jiġri jmur kullħadd jobdik;
narak togħla ftit ftit, b'ħila mhux żgħira,
sa kemm id-dinja kollha ġġib għalik !

Issaltan jien narak f'kull art u gżira,
u l-kbar, imkexkxa u mregħda jaħsbu fik;
mhux le għalxejn ismek baqa b'tifkira
ta' kobor: int għaġġibt il-ħlejjaq bik.

Ma x'swielek dan, ja kbir rebbieħ, jekk wara,
int ġejt maqbud, miżmum ġo Santa Liena,
u mdawwar b'għases kbar? Hemm lilek nara,

imħaddna idejk fuq sidrek, minn fuq blata
tħares il-bogħod, il-bogħod b'ħarsa ħosbiena,
u bkejt minn flokok, bkejt għal dik l'armata...

V. M. PELLEGRINI

18 ta' Settembru 1932.

# DAWL FIL-QASAM TA' ALLA

L-aktar li ħambaq dik inhar kien il-biċċier tar-raħal, raġel żmarr, mibni b'saffejn, maħruq lewn iċ-ċikkulata bix-xemx, xofftejn ħoxnin qishom mitnija, għajnejn jibbru bħal żewġ ġamriet fid-dlam, u sider wasa' tajjeb biex jilqa daqqiet tal-mazza.

Kienu jsejħulu Toni tar-Romli, u fir-raħal kelmtu kienet qisha amar is-sultan. Ħadd qatt ma kellu l-ħila jiksirhielhu!

"Kif għidtilkom jien", kien q'ed igħajjat, b'rasu mitfugħa l-fuq, donnu biex igħajjeb il-qamar f'dik il-lejla sajfija, "kif għidtilkom jien, meta l-arċipriet jiġi biex jiġbor għal-festa ma natuh xejn. Jew jagħmlilna bombi kemm irridu, tletin elf, elfejn iżjed mir-raħal l-ieħor, jew żummara natuh flus! Jekk ma joqgħodx għalli rridu aħna, nagħalqulhu l-bieb f'wiċċu. Ma jwieġbu ħadd; iħabbat kemm irid, hu jħabbat wil-klieb jinbħu. Lilu, kif ħaqqu ma jwieġbu ħadd! Għax aħna rridu ġiġġifogu aqwa minn tagħhom, maskli daqshom darbtejn, u baned waħda iżjed! Mela nieqfulu l-aħwa!...

Kliem il-biċċier qajjem magħsfar ta' tpespis. Xi nisa fuq tagħhom, bil-maktur f'rashom, ftiehmu li ma' jatuhx tiġieġa fil-Għid; tfajliet ħelwin nebbiexa għemżu lil xulxin lesti biex iqabblulu xi għanja, u l-irġiel mfanstin, b'xuftejhom miġbura f'tikmixa qalila, ħalfu li kellhom jagħmlu l aqwa festa b'inkejja tal-arċipriet.

Wara ftit raġel xipli, li seta' kellu fuq il-ħamsin, taħsbu xi oratur mill-kbar, għolla leħnu fuq dik it-tgeġwiġija. Dak ir-raġel kien is-surmast ta' l-iskola tar-raħal, is-sur Gawdenz tal-Bonzu. "Ħbieb", werżaq dan, b'leħen irqieq ta' mara ġellieda, "kif qalilkom Toni tar-Romli, tafu x'festa bil-kif għamel ftit ilu r-raħal l-ieħor; kemm bombi u maskli kellhom ta' San Blât. Saħansitra kellhom ħila jgħaqqdu dwar it-tmienja u għoxrin elf bomba! Fhimtu, hux?... Għalhekk aħna ma għandniex nibqgħu l-ura. San Stanislaw tagħna mhux iżgħar minn San Ġużepp tagħhom, jekk mhux akbar. L-aħwa nieqfulu lil-arċipriet. Nieqfulu annuna sa' ma joqgħod għal dak li jrid ir-raħal! U s-surmast irqieq, imsagħtar u twil qisu stwiel jew zokk ta' siġra mqartma, bħal mewġa għodbana dlonk iċċaqlaq fuq ġenbejh, u, b'wiċċ imqarras, għajnejn mixgħula, "Tagħna tgħaddi", għajjat. U "Tagħna Tagħna tgħaddi", għajtu fl-imkien ir-raħlin miġbura.

Kienu xi l-għaxra ta' bil-lejl, dak il-ħin. Il-qamar mimli sgiċċa ħafif ħafif, minn bejn għolja sħab qotni, u waqqa xmara ta' fidda fuq l-għelieqi ħiemda, fuq is-siġar tat-tîn marsusa bħal dellijiet ta' ħersien, fuq il-ġonna ta' l-għambaqar, wit-toffieħ misjur.

Ftit ftit ir-raħlin xterdu lejn darhom. Is-surmast wil-biċċier ħadu l-aħħar pinta għand tal-ħanut taw is-sliem lil-xulxin, u telqu għal rieħhom ukoll.

* * *

Jumejn wara, għal xi t-tmienja ta' fil-għodu, għad-dell ta' siġra ħoxna, li l-ixjeħ tar-raħal kien ħawwel darba meta kien għadu żagħżugħ fuq tiegħu, qawra raħlin: nisa bid-dbielet ikarkru tal-qoton aħmar, tfal bi qliezet tan-newl, ftel tul taħt irkobtejhom, xi rġiel għal triqthom lejn l-andar, is-surmast u l-biċċier, kienu miġbura madwar qassis xwejjaħ, fommu ħlewwiet l-anġli. Milli jidher kien q'ed igħidilhom xi ħaġa li tolqot, għax l-anqas ħoss żgħir ħlief leħnu ma kien jinstama dak il-ħin.

Dal-qassis xwejjaħ kien l-arċipriet tar-raħal, bniedem ta' saħħa żgħira, imma għajnejh xrara ta' spirtu qalil, nâr li jqabbad ruħ ta' Profeta. "Uliedi fi Kristu", kien q'ed igħidilhom, kunu afu li jiena nħobbkom b'dik l-imħabba li r-rgħaj it-tajjeb iħobb in-ngħaġiet tiegħu. Għalhekk jien inħallikom tagħmlu bombi, ġiġġifogu, u ġġibu baned, imma kollox sa' fejn għandu jasal. Bi fluskom, nitlobkom għar-rkubtejja, li tgħinu l-fqar tar-raħal tagħkom, xogħol qaddis nisrani bejnietkom bħal aħwa li jieklu minn fuq mejda waħda; tgħaddu xi ħaġa miż-żejjed tagħkom lil-ltiema, it-tfal ta' San Ġużepp; tgħinu sptarijiet, il-ħidma tal-missjonarji li qegħdin jifirxu s-saltna tad-Dawl fost ulied id-Dlam. Ħafna ġid jista' jsir bil-flus li tridu tberbqu fin-nirien, bombi u xogħolijiet oħra ta' għira u le ta' qima. Din tagħkom hi frugħa, u l-frugħa hi dnub. Taffu l-ġugħ tal-fqar; kulu magħhom minn fuq mejda waħda.Mhux ewwilla dan jixtieq min'ksielkom darkom u l-widien tagħkom bil-kħula tas-Sema, u kabbar għal kulħadd bla għażla fuq il-blât tagħkom id-dielja ħanina? Inħaslu l-koll fid-demm tad-dielja, u Alla jfawwar ruħkom bil-Għerf biex tifhmu 'l Kelmtu aħjar!...

" 'Ma, sur arċipriet", qabeż hawn il-biċċier li xejn ma qabillu kliem bħal dan, "kun af li r-raħal kollu jrid, hekk jew hekk, it-tletin elf bomba. Irridu ġiġġifogu gwapp, irdieden u maskli daqs dari darbtejn. Ħares, sur arċipriet, inti taf x'festa għamlilhom il-kappillan Dun Ferħ lin-nies ta' San Blat. Ħarġu irġiel tas-sew. Ara mela, kemm igħidu bina jekk aħna ma nagħmlux festa daqshom, kemm igħidu li aħna bla ħila!...

Wara li l-biċċier siket, waqgħet bħal ħemda u mbagħad "Uliedi!... Uliedi!..." għajjat bħal midrub f'qalbu x-xwejjaħ qassis "f'ġieħ id-demm ta' Kristu, ġibu quddiem għajnejkom x'ġid tistgħu tagħmlu bi fluskom xħin, flok li ttajruhom fl-eluf ta' bombi u maskli, intom tqassmuhom l-ulied il-fqar, tgħinu t-tagħlim u, fi żmien ta' qgħad bħal dan, tħaffu l-għaks ta' min għandu wlied x'jitma u ma jistax! Għinuhom atuhom il-ħajja

tal-karità tagħkom li taqa bħal xita kotrana fil-qasam bla tarf ta' Alla ħanin. Bil-karità twaqqfu triq bejnkom u Betlem, bejnkom u Kristu. Bil-frugħat twaqqfu triq bejnkom u Satana, missier il-frugħa, li daħaq meta l-Pagani żifnu sikrana u tbaħartu quddiem l-allat tagħhom żienja. Lil San Stanislaw ma tgħolluhx billi taħarqu l-eluf ta' bombi, u tixorbu mbejjet, u ntejjen ta' nbit aktar minn dari!...

Hawn il-biċċier tberraq qisu waħx il-biża'. Ra li għal kliem sabiħ tal-Arċipriet ma kienx ser iġibu. Quddiem ħbiebu ħass ruħu mċekken. Fawra ta' demm telgħet għal rasu u b'leblieba ta' kliem ħażin, "x'naqgħu u nqumu mill-fqar aħna", qal "il-fqar ma jaqalgħuhiex tajjeb iħabbtu bieb bieb? Igħixu bl-għakkarija, aħjar minna. Għandna aħna mħabba fihom innaqsu mil-bombi wil-maskli ? Baqax fejn naslu! Il-maskli wil-bombi l-irdieden wil-ġiġġifogu rriduhom aħjar aħjar minn qabel. Flusna flusna. U int, sur Arċipriet jew magħna jew kontrina. Dejjem tgħidilna "*Atu minn fluskom karità lil-fqar*" wisq naħseb li, jekk tibqa sejjer hekk, fl-aħħar mill-aħħar il-karità ddawwarlek rasek ! Hekk ukoll għamiltilna meta ridna nagħmlu l-qampiena l-kbira. Ridna natu sitt mitt lira. Għidtilna li b'erba mitt lira kellu jkollna qampiena tajba, u l-mitejn l-oħra ridtna nibagħtuhom għal missjoni. Sewwa ħej! Ara, kieku għaddiet tagħna l-lum liema raħal jista' jiftaħar li għandu l-qamqiena l-kbira daqs tagħna?!

"Hekk hu", qal is-surmast li b'daħqa niggieża, qabbad sigarrett, għammeż minn taħt lil ta'madwaru, u legleg għonqu gustus daqs ta' għarnuq xiħ.

U dak il-ħin, żewġ żgħażagħ imdaqqsa tbissmu lil xulxin. Wieħed refa' spaltu b'daħqa ħalliela, u għamża mgħaġġla misruqa, ressaq idejh miftuħa lejn xulxin bil-mod il-mod, bħal kieku ried igħid lil sieħbu li hekk jew hekk kellhom idoqquh l-organett taħt it-tieqa ta' Peppa s-Snaġra, nhar San Stanislaw.

U l-Qaddej tal-Knisja raġa' għolla leħnu : "Uliedi, bejni u bejn is-Sema hemm rabta, hemm dmir imqaddes li jien ma nistax nikser, anqas għal imħabba li nġibilkom. Jien ġejt fostkom biex immexxi x-xogħol ta' Kristu, għax jien hu l-Qaddej ta' Dar il-Faqar. Ħalluni mela ntemm dmiri. Agħmlu festa sabiħa imma kollox bil-qies. J'alla tagħirfu li biex tersqu lejn l-Ispirtu tal-Vanġelu, jeħtieġ terħu l-frugħat, titħeżżmu u titolbu, u flok tberbqu fluskom fit-tbaħrit pagan, tkasbru l-qaddis bir-riħa ta' xorb żejjed li toħroġ minn ħalqkom fost għana maħmuġ, tagħmlu karità, ittaffu l-għaqs, u tiżirgħu ward fejn s'issa kiber xewk u għollieq!

Hawn ix-xwejjaħ qassis kien qisu maħruġ barra minnu nnifsu; bħal donnu f'ruħu niżel Ruħ-il-Qodos fuq riħ ta' tempesta li tnaddaf kollox: tempesta qaddisa! B'għajnejh imsammra fuq is-sħab l-arċipriet kien q'ed jaqra l-kelma ta' Alla mħażża hemm fuq b'ittri tad-demm.

Rebaħ is-sewwa! Toni l-biċċier tmasħan ġo fih; ra li kelmtu kienet ser tinkiser, tintilef bħal karta mqattgħa trietaq mar-riħ; u quddiem għajnejh deherlu li lemaħ it-tletin elf bomba iduru bħal riefnu iswed madwaru jgħajruh. *Ġifa!.. ġifa! fejn hi rġulitek?* Kien tpespis ix-xitan...

Minn bejn snienu mwebbsa b'dagħdigħa dak il-ħin kien ser iżellaq sensiela dagħa u tmasħin.

Imma ħass xi jżommu!

B'għajnejh imdemmgħa lejn l-art ix-xwejjaħ ta'Alla nstema jitlob: *Fik ja Mulej ittamajt, ma ninfixel qatt: b'sedqek eħlisni u aqlagħni.*

Is-siġra dellija donnha riedet thennih, bil-friegħi kbar tagħha, u taħt saqajh tifrixlu kotra ta' weraq mieles u bellusi.

Minn għajn fil-qrib ċarċar l-ilma aktar frisk u safi; u minn fuq bejt ta' dwejra pespes l-għasfur tal-bejt.

U dak il-ħin qajl qajl, l-arċipriet tar-raħal telaq lejn id-dwejra tiegħu, għal kenn tas-siġar tat-tîn. Għax is-sewwa kien rebaħ.

Ir-raħlin xterdu ħusbiena lejn darhom. In-nisa karkru 'l żwieġhom lejn id-dar,u għad-dell tas-siġra ma kien baqa'ħadd.

Is-surmast u l-biċċier inġibdu lura kisknijet ħarsu mbikkma lejn xulxin, refgħu spallejhom, kemmxu xuftejhom, u "ma għamilna xejn" qalu.

Bħal klieb mismuta mbagħad għabu wara l-ħajt ta' mandra xemxija.

Ġusè Aquilina

**Natu l-Milied it-tajjeb u s-Sena t-tajba lill-imsehbin, qarrejja u hbieb tagħna kollha.**

# KOTBA LI BAGĦTULNA

*Ir-rebħa u t-tagħlima tal-Assedju l-kbir*, miktub minn P. Baskal Grech O.F.M. Port Said 1932. Ktieb żgħir u tagħlim kbir ġejj minn qalb imħeġġa b'imħabba lejn Malta. Jalla kullħadd jistgħall din it-tagħlima.

*Kif isiru l-Magħmudija, il-Griżma tal-Isqof ut-Tqarbin* bil-latin u bil-Malti. The Empire Press 1932. Ktieb li nixtequh f'idejn kullħadd għax ifisser bil-Malti l-kliem li jgħid bil-latin il-qassis u l-Isqof waqt il-magħmudija, il-griżma u t-tqarbin.

*Il-Ktieb tal-Profeta Ġeremija* maqlub bil-Malti minn Dun P.P. Grima u maħruġ mis-Sur Fons Galea. Stamperija tas-Salesjani. 1932. B'dan il-ktieb u ieħor żgħir li dalwaqt joħroġ ikollna li Skrittura kollha mfissra bil-Malti, l-akbar ġieħ tal-kitba Maltija.

*Il-Pronostku Malti għas-sena 1933.* Giov. Muscat. Bħal snin oħra l-almanakk ta' Muscat imżejjen b'ħafna poeżiji sbieħ. Ħadu premju: N. Biancardi, G. Chetcuti, G. Pisani, Em. Palmier Cecy, Mary Mejlak, F. Mangion. Kollha żgħażagħ li għandhom żmien iżidu bil-bosta l-kitba Maltija. L-ortografija hi tal-Għaqda. Ħaqqha kull tifħir id-Ditta Muscat għall-ħila li tagħmel lill-kittieba tal-Malti.

*Warda maħsuda minn Betafù.* Alf. M. Galda. The Empire Press. 1932. Ġrajja sabiħa ta' żagħżugħ li miet hu u jithejja għall-Missjoni.

*The Lads' Educational Gazette*, No. 4; miktuba miż-żgħażagħ bl-ingliż, bit-taljan u bil-malti. Bil-Malti fiha poeżija ta' Ġorġ Pisani u biċċa proża ta' Ġużi Chetcuti, it-tnejn sbieħ u t-tnejn miktubin bl-alfabett tal-Għaqda.

*Journal of the Malta Uinversity Society.* No. 3.

Niżżu ħajr bil-qalb lil min bagħtilna dawn il-kotba.

Dawk li ħadu xi premju jew kienu msemmijin b'tifħir fil-Konkors tagħna tas-sena 1931 u tas-sena 1932 mitlubin jieħdu ċ-ċertifikat li wegħidniehom mill-Empire Press.

Bħala strina lill-imseħbin u lill-ħbieb tagħna dan in-numru ħareġ ftit akbar minn ta' qablu. Jekk jibqgħu jiżdiedu l-imseħbin, jibqa joħroġ hekk bla ma jiżdied il-ħlas.

# TAGHRIF

## LAQGHAT

Saret laqgħa nhar it-12 ta' Ottubru u nqraw dawn il-bċejjeċ:

Is-Sur V. M. Pellegrini qara poeżija *Napuljun.*
„ Gejt Cassar qara poeżija *It-tbexbix ta' fil-għaxija.*
„ C. Vella qara novella *X'għamlitlu!* tas-Sur W. Fava.
„ J. Diacono qara novella *Is-sinjura Karm.*
„ Ġ. Aquilina qara poeżija *Bil-lejl* ta' Or. Vella.
Is-sinjurina O. Tayar qrat novella *Qalb muġugħa.*

Saret laqgħa oħra nhar it-30 ta' Novembru u fiha nqraw dawn il-bċejjeċ:

Is-Sur T. Warrington qara *Għaliex inħobb il-lsien Malti?* ta' K.
„ Ġuże Pace qara poeżija *Wardija* u novella *Bis-saħħa tas-seftura tiżfen il-qattusa.*
„ Ġuże Aquilina qara novella *Ċikku Ħela-flusu.*
„ Gejt Cassar qara poeżija *Lil Malta* u *Novella tal-Milied.*
„ A. Valenza qara traduzjoni mill-franċiż *Ix-xellej.*
„ V. Pellegrini qara rakkont *Minn żball għal ieħor.*
„ Dward Coleiro qara novella *X'tiswa l-iskola?*
„ J. Diacono qara novella *X'jaf jagħmel iż-żiju Toni.*

Billi kien sar il-ħin ma stajniex naqraw kitba sabiħa li bagħtilna Ġużi Chetcuti fuq il-poeżija ta' Dun Karm *Warda li tgħid ġrajjietha.* Inwegħduh li naqrawha darb'oħra u nħajjru ż-żgħażagħ li jidraw jiflu bis-sabar u bir-reqqa kull kitba biex jifhmu ġmielha, u mhux ifaħħru kull ma jiġi f'idejhom

**ABBONAMENT**

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja wahda sold
Ghal barra minn
Malta id-doppju.